**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 67

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 64 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 27 ta' Lulju, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier

Skużat

- Mario Joseph Salerno — Kunsillier
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier

Assenti

- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

---

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**67.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Mario Salerno, Alfred Bray u Anthony Delia.

**67.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (65,66)**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 65 u 66 bil-Kunsillier Paul Bugeja jissekonda l-mozzjoni.
Il-minuti ġew approvati kif tressqu.

**67.3 Punti mill-Minuti**

- Ħajt imġarraf fi Triq San Ġorġ

  Fl-24 ta' Lulju 2023 l-avukat tal-kunsill bagħat ittra uffiċċjali lis-sid il-vettura Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CLY048 biex ineħħija mill-post biex jitkomplew ix-xogħolijiet. B'risposta, l-avukat tiegħu għarraf lill-kunsill, illi f'kaz li l-kunsill jipprova arbitrarjament jisposta l-vettura tal-klijenti tiegħu, se jzomm lill-kunsill responsabbli għad-danni kollha li jista' jiġu nkorsi lil klijent tiegħu, fl-intralċ tal-provi fokali għall-kawża pendenti.

  Il-kunsill qabel li jiddaħħal rikors il-qorti diment li l-avukat ikun ta' l-istess fehma u li s-sid għandu jinżamm risponsabbli għal kwalunkwe danni sofferti f'każ ta' inċident.

- Tagħlim ta' lingwa Maltija u/jew Ingliża lil persuni Ukreni – Jirriżulta, li l-kunsill kien għamel kuntatt mal-persuna nkarigata f'isem il-knisja tal-Qawra. Dan kien informa li l-lezzjonijiet kienu nżammu għal Ukreni biss u li ma kienx possibbli li jinġibu rċevuti fiskali.

- PA 05952/21 & PA 06179/21 - Sunny Coast Lido

  Il-kunsill ġie nfurmat li perit tiegħu qiegħed rikoverat l-isptar.

- Garaxx ta' Burmarrad

  19 ta' Lulju 2023, sid il-garaxx informa li mill-ewwel ta' Awwissu 2023 il-kera se titla €1,000 fix-xahar. Fuq parir ta' l-Avukat tal-kunsill se jsir laqgħa ma sid il-garaxx nhar is-7 ta'Awwissu 2023.

- Xi Traġedja - theatrical show

  L-atturi nfurmaw li b'€1,200 + Vat mhux possibbli li jtellaw żewġ serati.

- Sport Fest

  L-attivita nżammet u kienet suċċess. Il-kunsill se jiġi nfurmat bis-somma li nġabret.

**67.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- Bini ta' toroq ġodda – Kolloborazzjoni ma Infrastruttura Malta

  **Triq is-Simar** - Is-Sindku Alfred Grima informa, li wara diskussjonijiet li żamm ma IM, dawn qablu, li minkejja li fit-triq ma hemmx 80% bini, xorta waħda bdew il-proċess biex tinbena mill-ġdid. Fil-preżent qed jaħdmu ma' inġinier speċjalizzat biex jinħarġu disinji strutturali ta' kif jeħtieg isiru x-xogħolijiet relatati kaġun li dan xogħol straordinarju.

  **Triq ir-Ridott** - IM aċċettat ukoll li tagħmel patching f'parti mit-triq inkwistjoni.

  **Triq il-Mosta** – Fil-25 ta'Lulju, 2023, is-Sindku bi qbil mall-Kunsillier Daryl Connor ressqu rikjesta biex possibilment, IM iddaħħal f'tender ta' xogħolijiet Triq il-Mosta liema triq ma ddaħlitx fil-lista oriġinali kaġun li WSC kienu se jgħaddu s-servizzi tagħhom minn ġo fiha u jidher li l-pjan inbidel.

- Ċirkolari 13/2023 - Attivitajiet li jeħtieġu permess mill-Kunsill Lokali (A.L. 123 tal-2023)

  Inġibet l-attenzjoni tal-kunsill dwar l-emenda 2.2 tisħaq illi; "kwalunkwe tqegħid ta' scaffolding irid jinġib il-permess mill-Kunsill Lokali u jsir il-ħlas ta' €2.33 għal kull metru kwadru jew parti minnu għal kull jum jew parti minnu. Dan irrilevanti jekk minn taħt l-iscaffolding jitħalliex passaġġ sabiex jgħaddi l-pubbliku jew le, fejn dejjem irid isir ħlas."

- Ċirkolari 13/2023 - Regolamenti tal-2023 Tqegħid Temporanju ta'Caravans f' Lokalitajiet

  Iċ-ċirkolari nġibet għall-attenzjoni tal-kunsill fejn ġie nnutat illi fit-22 ta' Ġunju 2023, is-Sindku pparteċiepa f'laqgħa ta' informazzjoni. Irriżulta, li preċidenti għal din il-laqgħa, id-DLG żamm laqgħat oħra ma kunsilli lokali li fil-lokalita tagħhom għandhom stazzjonati l-caravans. Huwa mifhum, li l-liġi ġdida ġiet ifformolata minn dak li ħareġ waqt dawn il-laqgħat. Is-Sindku nforma, li hu pprotesta dwar in-nuqqas ta' konsultazzjoni mid-DLG mall-Kunsill Lokali.

- Cir AKL 2023/065 Group Life Policy - Membri Eletti

  Il-kunsill approva l-ħlas tal-polza ta' assigurazzjoni kif irrakomandata mill-AKL.

- Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

  Inħarġet mill-ġdid sejħa fil-kunsill lokali kollha wara li ma kienx hemm interess.

- "Patriotism=Anti Racism." Is-Sibt 26 ta' Awwissu, 10am – 11.30am

  Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni li d-Direttorat Drittijiet tal-Persuna jorganiżża laqgħa fis-sala tal-kunsill.

- Kumitat Festa

  Permezz ta' imejl datata 1 ta' Awwissu 2023, il-Kumitat Festa skuża ruħu dwar iż-żjut li twaqqaw waqt l-ikla organizzata minhom fuq il-pavimentar qrib it-Torri Wignacourt. Infurmaw, li se jagħmlu minn kollox biex is-sitwazzjoni tissolva fl-inqas zmien possibli. Ressqu rikjesta biex is-Sibt 26 ta' Awwissu 2023, bejn il-20.00 u 23.30 hrs jagħmlu użu mill-belvedere biex jinżamm BBQ. It-tisjir se isir fi propjeta privata.

  Dwar dan il-każ is-Sinj.Buttigieg bagħtet ilment uffiċċjali lill-Din l-Art Ħelwa li minn naħa tagħha għadditu lill-kunsill.

  Wara l-inċident inkwistjoni, il-kunsill iħoss, li ma huwiex iż-żmien ideali li japprova l-użu tal-belvedere, żona Torri Wignacourt, għall-attivitajiet simili. Qed jiġi ssuġġerit, li l-attivita tinżamm fil-parkeġġ ta' taħt l-istess torri jew fejn inżammet il-Lejla Pawlina.

- Din l-Art Ħelwa

  Parti fil-madwar tat-Torri Wignacourt ingħalqet għall-pubbliku bħala prekawzzjoni fuq rikjesta imressqa minn Din l-Art Ħelwa minħabba ħsara fl-istruttura tat-torri.

- Ikel u kura għal qtates

  Il-kunsill approva massimu ta' €3,000 għal ikel u/jew kura għal qtates

**67.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma tressqet l-ebda mistoqsija mill-kunsilliera.

**67.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*67.6.1 Quarterly Financial Report 2, April – Ġunju 2023*

Is-Segretarju Eżekuttiv Marico Sammut, f'isem l-accountant tal-kunsill spjega l-Quarterly Report. Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-baġit ta' lis-Street Lighting jiżdid b'€40,000 kaġun li l-lampi qed jinbidlu LED's, it-Travel b'€2,000, Road & Street Cleaning

b'€50,000 u li Quarterly Financial Report 2 jiġi approvat bit-tibdil propost. Il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni. Il-kunsill approva nem.con.

*67.6.2 Ingaġġ ta' 3 Operative Hand skala 18 notch 3*

19 il-persuni applikaw, 8 minhom attendew għal intervista li nżammet fis-14 ta' Lulju 2023. Il-Bord ta' l-Għażla tal-Haddiema kompost mill-Viċi Sindku Carlos Zarb, u l-Kunsilliera Alfred Bray u Anthony Delia rrakomanda li jiġu mpjegati t-3 persuni li ġabu l-għola marki meħtieġa li jsimhom jibda bl-inizzjali C.C, R.B, u L.V.
Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni li ġiet issekondata mis-Sindku Alfred Grima, biex ir-rapport imressaq mill-Bord ta' l-Għażla ta' Ħaddiema jiġi approvat.
Il-Kunsill approva nem.con.

**67.7 Ex-Mistra Village** PA/6747/18 - PA/06236/08 – *rikjesta għall-Hoarding wall*

Ġiet ippreżentata rikjesta kif ukoll pjanta minn Perit S.Camilleri, f'isem l-iżviluppatur tal-proġett biex mad-dawra tas-sit fi Triq Raddet ir-Roti, Triq il-Fuħħar u Triq Katarina Vitale itellaw hitan bħala prekawzjoni (*hoarding walls*). Inkluż magħhom, l-iżviluppatur annessa kopja ta' ittra ndirizzata lil Perit risponsabbli mill-proġett mibgħuta mill-uffiċċju legali Vella Zammit Mckeon, datata 17 ta' Mejju 2023, li permezz tagħha ngħatat spjegazzjoni dwar l-appelli pendenti.

Il-kunsill iħoss, li fid-dawl tad-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Mejju 2023, fejn l-istess Qorti irrevokat d-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar meħuda minnu fil-11 ta' Ottubru 2022, għanda titressaq rikjesta formali ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar biex tigwidaħ dwar ir-rikjesta mressqa mill-iżviluppatur biex itella ħitan ta' prekawzjoni (hoarding) fuq toroq pubbliċi.

**67.8 Sejħiet Pubbliċi**

*67.8.1* ***Dwal u tiżjin għall-Milied***

Il-kunsill qabel li tinkiteb imejl uffiċjali lill-MTA biex jikkonfermaw li x-xogħolijiet relatati mar-rinovar tal-Pjazza ta' Buġibba se jinbeda mmedjatament wara s-Sajf 2023. Dan għall-fatt li trid tittieħed deċiżjoni jekk il-pjazza tiżżejjinx għall-Milied jew le.

Approva ukoll, li ż-żoni kollha li żżejnu bid-dwal tal-Milied fl-2022, jerġaw jiġu mżejna fl-2023, b'kolloborazzjoni ma l-għaqdiet tal-lokalita'. Addizzjonalment, il-kunsill qabel li jsir dwal u tiżjin tal-Milied mar-roundabout ta' l-Erba Imwieżeb, fl-Limbordin u ż-żona mill-kunsill sa l-akkwati tal-latrina tax-Xemxija.

*67.8.2* ***Tender SPB T/01/2019 Street Sweeping Services***

It-tender SPB T/01/2019 jagħlaq fl-ewwel ta' Frar 2024 u għaldaqstant il-kunsill approva li b'mod immedjat jinħareġ it-tender għall-knies ta' toroq. Il-Viċi Sindku Carlos Zarb ġie nkarigat li flimkien mal-Contracts Manager jaraw hemmx lok ta' titjib fid-dokumenti relatati mat-tenders b'mod inġenerali.

**67.9 Latrini publiċi**

Latrini pubbliċi - Il-kunsill ġie nfurmat li x-xogħolijiet kollha meħtieġa ta' manutenzjoni tlestew wara diversi għatti ta' vandaliżmu.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq proposta biex fit-tender il-ġdid jinbidlu l-ħinijiet tal-ftuħ, l-għeluq u kif isir il-manutenzjoni tal-latrini pubbliċi fil-lokalita. L-għan huwa li tiżdid il-frekwenza tat-tindif u li jiġi vverifikat jekk il-latrini jitnaddfux kuljum jew le. L-għan iservi ukoll biex jitnaqqas il-vandaliżmu. Kien hemm qbil li wara li jingħata kuntratt ġdid, jitwaħħlu tabelli bil-ħinijiet ġodda. Il-kunsill approva nem.con il-proposta imressqa u li l-kuntratti eżistenti jiġu estiżi kollha sad-29 ta' Frar 2024. Il-Kunsillier Chris Vella Petroni issekonda l-mozzjoni.

**67.10 Extensive Patching**

Is-Sindku nforma li l-kuntrattur tal-kunsill mhux jgħati s-servizz mistenni fejn b'mod uffiċċjali ġie nfurmat li l-kunsill jista jimponi miżuri skond il-kuntratt.

Il-kunsill approva li jsiru x-xogħolijiet fi Triq il-Villeġjatura, Triq Salvatore Borġ bi stima ta' €16,880.43 u €18,002.18 rispettivament.

**67.10 Ambjent u ndafa**

Is-Sindku Alfred Grima qal; li grazzi għal l-impożizzjoni tas-sistema ġdida tal-ġbir ta'lis-skart 7 xhur ilu fuq il-Kunsilli Lokali u l-ineżistenza ta' nfurzar ta' liġijiet ambjentali fil-pajjiż, inġibu fix-xejn 4 snin ta' ħidma ntensiva imwettqa mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar u CMD! Fakkar, li hu wissa għal diversi drabi lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u entitajiet oħra dwar dak li kien mistenni jiġri.

Re-servizz ta' knies informa, li nħarġet RfQ 19/2023SG għall-knies u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani għal aktar indafa, skond dak deċiż mill-kunsill fil-laqgħa 65. Fl-10 ta' Lulju 2023 il-kumpanija magħżula Waste Recycle and Waste Collection Ltd bdit ix-xogħolijiet permezz ta' 4 kenniesa ma dawk tal-kuntrattur eżistenti. Din twaqqfet fis-17 ta' Lulju 2023 wara li l-kunsill ma kienx sodisfatt b'dak imwettaq. Fis-17 ta' Lulju 2023, il-kunsill ħareġ works order lill-kumpanija Veladrians, li kellha t-tieni l-irħas offerta. Sa llum jidher, li l-kumpanija qeda ftit jew wisq twettaq l-obligi tagħha.

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier Chris Vella Petroni u ssekondata mis-Sindku Alfred Grima, il-kunsill approva li jiżdidu żewġ kenniesa oħra u li minħabba li dan is-servizz huwa aktar minn neċessarju għandu jibqa fis-seħħ sa l-għoti tal-kuntratt il-ġdid.

<u>Servizz ta' ġbir ta' bulky</u> – Tender SPB/T/03/22

L-istess Waste Recycle and Waste Collection Ltd li rebħet it-Tender SPB/T/03/22 biex tipprovdi servizz ta' ġbir ta' bulky, infurmat, b'ittra datata 20 ta' Lulju 2023, li mhux se jipproċedu bil-ġbir ta' bulky. Dan seħħ wara li l-kunsill ġibed għal diversi drabi, l-attenzjoni tal-kumpanija dwar bosta nuqqassijiet.

Fil-21 ta' Lulju 2023, il-kunsill għadda x-xogħolijiet lil kuntrattur Chris.Bezziena, li kellu t-tieni l-irħas offerta, skond il-proċeduri stabbiliti. Fil-frattemp, il-ġbir ta' bulky kollu sar mill-ħaddiema tal-kunsill, fl-istess waqt li diversi xogħolijiet oħra baqaw għaddejjin.

Is-Sindku Alfred Grima irringrazzja lill-ħaddiema kollha tal-kunsill għal ħidma mpekkabbli tagħhom.

<u>Ħasil ta' toroq</u>

Il-kunsill approva li tinħareġ RfQ għal ħasil ta' toroq bil-powerwash u kimika. B'hekk jiġi stabbiliet jekk dan is-servizz jistax jinxtara mingħajr ma jinħareġ tender.

<u>Xiri ta' makkinarju</u>

Fuq mozzjoni tas-Sindku Alfred Grima issekondat mill-Kunsillier Chris Vella Petroni, il-kunsill approva li tinħareġ sejħa pubblika għal xiri ta' 4 Vacuum Cleaners li jaħdmu bl-elettriku simili ta'dik li ssuġġerixxa l-Contracts Manager.

**67.11 Tiġdid ta' Ftehim ta' koperazzjoni**

- **Soċjeta Mużikali**

Il-kunsill laqa' ir-rikjesta mressqa mis-Soċjeta Mużikali San Pawl sabiex jiġi estiż l-ftehim ta' kolloborazzjoni bejn iż-żewġ partijiet. Approva, li tiġi allokata s-somma massima ta'€5,000 fis-sena waqt li Socjeta Muzika San Pawl trid tipprovdi l-istrumenti u l-post ta'tagħlim ta' mużika. Din l-approvazzjoni tiskadi fl-aħħar ta'Diċembru 2029.

- **Bognor Aquatic Club**

Il-kunsill approva li kemm il-darba l-Għaqda Sportiva taqbel, il-ftehim eżistenti jiġi estiż sa l-aħħar ta'Diċembru 2027. Approva ukoll, li ma l-iffirmar tal-ftehim il-kunsill jallokata s-somma massima ta'€5,000 biex jittejbu l-faċilitajiet eżistenti fil-court.

**67.13 Affarijiet Oħra**

*67.12.1 Ġnien propost fi Triq it-Trunċiera*

25 ta' Lulju 2023, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna mis-Segretarju Permanenti Dipartiment MPWP, għall-preżentazzjoni ta'proposta ta' ġnien. Il-perit inkarigat informa li l-intervent propost huwa minimu. Dan għall-fatt li l-ERA tqies ż-żona bħala "Area of High Landscape Value".

Il-kunsill qabel mall-proġett u qed jistaqsi dwar il-possibilita li lis-skate park jiġi ntegrat fil-proġett biswit l-akkwarju.

*67.12.2 Ta Fra Ben – Boat houses.*

Il-kunsill jirċievi diversi lmenti dwar problema ta' ipparkjar ta' vetturi quddiem il-Boat Houses f'Ta Fra Ben, kemm mis-sidien kif ukoll minn individwi. Bħala kontro-miżura l-kunsill approva illi jibda proċess biex issir applikazzjoni ma l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex;

1. *Il-bankina eżistenti n-naħa tal-boathouses tiġi 1.20 metru wisgħa minn 10.70 metri.*
2. *It-Triq issir ċirka 7 metri wisgħa minn 3.50 eżistenti.*
3. *Isiru parkeġġi man-naħa tal-baħar għal-vetturi biss.*

*67.12.3 Ta Fra Ben- Żoni magħluqa għall-vetturi*

Il-kunsill ma qabilx mal-proposta biex l-aċċess li kien ġie magħluq max-xatt f'Ta Fra Ben jerġa jinfetaħ għall-vetturi u/jew bħala parkeġġ.

Il-kunsill reġa riafferma l-pożizzjoni tiegħu biex fl-anqas żmien possibbli isir applikazzjoni ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar biex fiż-żona jinbena Beach Volleyball Pitch u/jew xi ħaġa simili, BBQ area, kif ukoll li isir titjib għall-akkwati.

*67.12.4 Time Parking- fejn in-negozji*

Il-kunsill jemmen li għandu jkun hemm uniformita u ndikazzjoni ċara kull fejn hemm eżistenti "*Time Parking Bays*". Għalhekk, approva li titressaq applikazzjoni ma TM bis-segwenti impożizzjonijiet.

a. Time Parking Bays kollha fil-lokalita' jinżebaw b'kulur Ħodor għal indikazzjoni aħjar.
b. Ħin: 60 minute parking no return within 40 minutes
c. Ġranet: Mon – Sat 8.00 – 19.00 hrs unrestricted parking the rest of days and hours.
d. Sunday, and Public Holidays.

**67.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**

*67.13.1 Attivita "Summer Splash"*

Il-kunsill approva li tittella l-attivita *Summer Splash nhar 2 ta' Settembru,2023.* Għall-attivita ġiet ivvutata s-somma ta'mhux aktar minn €1,000 vat inkluż.

*67.13.2 Mural*

Il-kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsiru Murals professjonali mal-ħitan ta' fejn il-Perch Beach diment li jinġibu l-permessi neċessarji jekk meħtieġa. Għal dan l-għan ġiet ivvutata s-somma ta'mhux aktar minn €2,000 vat inkluż. Is-suġġett magħżul għandu jiġi approvat qabel.

**67.14 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti Nru 7**

Il-Kunsillier Paul Bugeja u Mary Borġ ipproponew u ssekondaw rispettivament li lis-skeda tal-pagamenti tiġi approvata. L-iskeda ġiet approvata nem.con kif issuġġerit.

**67.15 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.10 u aġġornata għal 12 ta'Settembru 2023 fil-17.30 hrs

**Approvati fit-12 ta' Settembru, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |